10 JUN 2026

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 627**

**It-Tlieta 5 ta' Mejju, 2026**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fis-6.13 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Carlo Scicluna - Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Leone Sciberras – Kunsillier
Toshera Schembri – Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 627.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji

627.1.1 Inqraw ittri t' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sur Mark Grech, mis-Sur Leone Sciberras u mis-Sinjorina Toshera Schembri fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sur Mark Grech, is-Sur Leone Sciberras u s-Sinjorina Toshera Schembri jkunu skużati.

## 627.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

627.2.1 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-minuti tas-625 u tas-626 laqgħa ġew unanimament approvati.

## 627.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

627.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill Lokali applika għall-iskema *Support Scheme for Recreational Open Spaces, Sensory Play Areas and Green Pockets which include Dog Parks or Cat Cafes, 2026,* bil-għan li jitwettaq xogħol ta' manutenzjoni u titjib fid-*Dog Park* tal-lokalità, b'investiment stmat ta' €33,660. Is-Sindku spjega li l-proġett jinkludi l-installazzjoni ta' *cameras* ġodda għas-sigurtà, tibdil tal-bankijiet eżistenti, it-tiswija jew tibdil tal-apparat tal-logħob għall-klieb li huwa miksur, l-installazzjoni ta' aktar dawl sabiex tissaħħaħ is-sigurtà fiż-żona, kif ukoll xogħlijiet ta' tiswija fil-ħajt u fil-gradi tal-park. Barra minn hekk, ser isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni u żebgħa tal-injam sabiex iż-żona tingħata dehra aktar nadifa, sigura u adegwata għall-użu tal-viżitaturi li jagħmlu użu mid-*Dog Park.*

627.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill Lokali kien irċieva l-approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex, skont il-linji gwida 3.5, jingħata konċessjoni ta' *Direct Order* għall-akkwist tat-teatru li jinsab fi Triq Hompesch għall-prezz ta' €620,000, direttament mingħand is-sidien tiegħu. Is-Sindku żied jgħid li minkejja li l-approvazzjoni relatata max-xiri tal-proprjetà kienet diġà nħarġet, il-Kunsill kien għadu qed jistenna l-approvazzjoni finali mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fir-rigward tal-konċessjoni meħtieġa sabiex il-kuntratt notarili jkun jista' jsir min-Nutar Joseph Lia.

627.3.3 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand il-Pulizija fir-rigward tal-pellegrinaġġ annwali organizzat mill-Għaqda Pellegrinaġġ Muturi u Roti Ħaż-Żabbar, bħala parti mill-festa tal-Madonna tal-Grazzja, li ser isir nhar it-13 ta' Settembru 2026. Is-Sindku spjega li ntalbet in-no objection tal-Kunsill Lokali sabiex din tkun tista' tiġi annessa mal-permessi meħtieġa. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ in-no objection meħtieġa għal dan il-pellegrinaġġ.

627.3.4 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza li l-Kunsill irċieva dwar talba sabiex iż-zebra *crossing* fi Triq ix-Xgħajra, kantuniera ma' Triq il-Kapuċċini, tinbidel *f'pelican crossing.* Is-Sinjura Anna Calleja sostniet li din it-talba għandha tintlaqa' iżda saħqet li anke bl-installazzjoni ta' *pelican crossing* xorta jista' jibqa' jkun hemm periklu minħabba li l-vetturi jgħaddu b'veloċità qawwija minn din it-triq. Is-Sur

Joseph Buttigieg żied jgħid li, minkejja dan, *pelican crossing* tkun aktar sigura miż-*zebra crossing* eżistenti għall-persuni li jkunu ser jaqsmu t-triq. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lil Transport Malta sabiex iż-*zebra crossing* eżistenti tinbidel f'*pelican crossing*.

627.3.5 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand *Chess Buddies* dwar proposta għal *Local Councils Chess League*, intiża sabiex tippromwovi c-*chess* fil-komunità, għal parteċipanti taħt it-18-il sena. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa f'din l-inizjattiva, jipprovdi t-*t-shirts*, jospita waħda mill-attivitajiet fis-sala tal-Kunsill u jipparteċipa permezz ta' parteċipanti Żabbarin.

627.3.6 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex jingħata isem uffiċjali lil triq bla isem li tinsab fi Triq iż-Żarżarell. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li din it-triq tingħata l-isem Triq il-Qasab.

627.3.7 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li dakinhar filgħodu, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, attendew għas-smiegħ tal-appell quddiem il-*PCRB* relatat mal-kuntratt għas-Servizz ta' Tindif ta' Toroq Mhux Urbani (ZLC 3/2025). Is-Sindku spjega li f'dan l-istadju, il-Kunsill kien qed jistenna d-deċiżjoni tal-*PCRB* dwar dan l-appell.

627.3.8 Is-Sindku tkellem dwar diversi xogħlijiet li kienu għaddejjin fil-lokalità u nforma lill-membri preżenti li kien beda x-xogħol ta' restawr tal-faċċata tal-Mużew tas-Santwarju u tal-ħajt taċ-ċimiterju, kif ukoll xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq bankini u saru diversi sinjali tat-traffiku u marki tal-karreġġjati. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu saru l-marki tal-art fi Triq John Delia ma' Triq Ta' Lanza, u spjega li x-xogħlijiet ta' żebgħa f'dawn it-toroq saru mill-Kunsill, filwaqt li Infrastruttura Malta kienet ser tirrimborża lill-Kunsill għall-ispejjeż relatati. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill wettaq ukoll il-marki tal-art fi Triq Salvu Pulis peress li dawn qatt ma kienu ġew implimentati, u spjega li saru xi aġġustamenti skont il-bżonn minħabba li l-qisien fuq il-pjanti approvati minn Transport Malta ma kinux jaqblu mal-qisien fuq il-post. Permezz ta' dawn l-emendi rnexxielhom jiżdiedu seba' parkeġġi. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li kien hemm xi oġġezzjonijiet minn residenti dwar il-marki li saru f'din it-triq. Is-Sindku spjega li kien hemm ilment minn individwu wieħed, saret laqgħa miegħu, partikolarment minħabba li quddiem il-proprjetà tiegħu kien hemm approvat *double line* u s-sid talab li dan is-sinjal ma jsirx. Is-Sindku spjega wkoll li kien hemm disinn għal *roundabout*, iżda ma kienx hemm biżżejjed spazju sabiex din tiġi implimentata. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-parkeġġi kinux saru akbar sabiex ikunu jistgħu jipparkjaw trakkijiet kbar. Is-Sindku qal li dan mhux minnu u spjega li minħabba li ser tinfetaħ *child care centre* fiż-żona, kien hemm bżonn li jsiru xi emendi mill-pjanta oriġinali. Is-Sindku żied jgħid li kien ser jinforma lil *Transport Malta* bl-aġġornamenti li saru. Is-Sindku spjega wkoll li fi Triq John Delia ukoll kellhom jiġu aġġustati xi parkeġġi minħabba li l-ħajt fuq il-post ma kienx jaqbel mad-disinn muri fuq il-pjanta. Is-Sindku qal ukoll li kienu saru l-parkeġġi ġodda fi Triq il-Kittien.

627.3.9 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet dwar ix-xogħlijiet fl-isqaqien ta' Triq l-Inkurunazzjoni. Is-Sindku qal li t-tappieri kienu waslu u x-xogħol kien ser jitkompla.

627.3.10 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li ġie ffirmat il-kuntratt ma' Infrastruttura Malta relatat max-xogħlijiet ta' tisbiħ li ser isiru fi Triq il-Kbira Sqaq Nru 4, taħt l-iskema Finanzjament – Komunitajiet Aktar b'Saħħithom u ta' Kwalità. Is-Sindku żied jgħid li Infrastruttura Malta kienet għaddejja bil-proċess sabiex jintgħażel kuntrattur biex iwettaq dawn ix-xogħlijiet.

627.3.11 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill Lokali kellu diversi proġetti li bħalissa għadhom pendenti minħabba li qed jiġu mistennija l-permessi jew awtorizzazzjonijiet neċessarji minn entitajiet differenti, fosthom l-Awtorità tal-Artijiet u awtoritajiet oħra relevanti, sabiex il-proċessi jkunu jistgħu jimxu 'l quddiem.

627.3.12 Is-Sindku ta aġġornament dwar iż-żjara li kellu f'Eschborn u nforma lill-membri preżenti li matul din iż-żjara ġew diskussi diversi opportunitajiet ta' skambju għaż-żgħażagħ. Fost dawn issemmiet il-possibbiltà li l-klabb tal-futbol *St Patrick* jingħata opportunità sabiex grupp ta' plejers jitilgħu l-Ġermanja għal esperjenza ta' taħriġ fil-futbol.

627.3.13 Is-Sindku ressaq talba li kien irċieva mingħand St Patrick FC fejn il-klabb wera x-xewqa li jużaw l-*5-a-side football pitch* għat-tfal tan-*nursery*. Is-Sindku nforma lill-membri li kien qed jistenna proposta bil-miktub min-naħa tal-klabb.

627.3.14 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fil-jiem li ġejjin kien mistenni jibda x-xogħol sabiex tiġi estiża l-bankina fi Triq San Leonardu, kantuniera ma' Triq iż-Żarżarell.

627.3.15 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-iskema SPI/SCI/02/2025 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026 u fakkret lill-membri preżenti li l-Kunsill għandu jorganizza attività sal-aħħar ta' Mejju, sabiex ma jintilifx il-finanzjament allokat taħt din l-iskema.

627.3.16 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fil-jiem li ġejjin kien ser jgħidilhom id-data ta' meta ser isir il-konvenju relatat max-xiri tat-teatru.

## 627.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

627.4.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-7 t' April 2026 u l-5 ta' Mejju 2026 li kienet tammonta għal €122,839.71. Is-Sindku ppropona li flimkien mal-lista tal-pagamenti jiġi approvat ukoll pagament lil *The Street Lighting* li jammonta għal €5,000.01 relatat ma' xogħlijiet marbuta mal-armar tal-Milied fil-lokalità. Is-Sur Joseph Agius issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

**627.5 Deċiżjoni dwar il-kuntratti**

- **Provvista, manutenzjoni u żamma ta' sinjali tat-traffiku u marki tat-toroq (ZLC2/2024)**

627.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l l-kuntratt għall-Provvista, Manutenzjoni u Żamma ta' Sinjali tat-Traffiku u Marki tat-Toroq (ZLC2/2024) li għandu mal-Koperattiva Tabelli u Sinjali, kien ser jiskadi fit-2 ta' Ġunju 2026 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' iġedded dan il-kuntratt għal sentejn oħra addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

**627.6 Ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti**

- **Sejħa għall-Offerti għat-tibdil tas-*soft flooring* ta' Ġnien il-Kunsill (ZLC1/2026)**

627.6.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għat-tibdil tas-*soft flooring* ta' Ġnien il-Kunsill (ZLC1/2026) u li dan il-kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Perit Rodney Micallef, mis-Sur Brian Farrugia u mis-Sur Marco Cassar.

- **Sejħa għall-Offerti għas-Servizz ta' *Accountant Technician* (ZLC2/2026)**

627.6.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għas-Servizz ta' *Accountant Technician* (ZLC2/2026) u li dan il-kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Mario Fava, mis-Sur Brian Farrugia u mis-Sur Marco Cassar.

**627.7 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

627.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-każ li kien ġie diskuss u deċiż fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill, relatat mat-talba għal kumpens imressqa minn *Gasan Mamo Insurance* b'rabta ma' allegat inċident li seħħ fi Triq Wied il-Għajn u li kien jinvolvi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MMS762. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li, skont id-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill fil-laqgħa preċedenti, l-avukat tal-Kunsill kien ġie mitlub jinforma lill-kumpanija tal-assigurazzjoni li l-Kunsill ma kienx qed jaċċetta responsabbiltà għal dan l-allegat inċident. Sussegwentement, il-kumpanija tal-assigurazzjoni bagħtet risposta lura fejn talbet li jiġi indikat fuq liema bażi ttieħdet id-deċiżjoni tal-Kunsill li ma jaċċettax responsabbiltà. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li kopja tal-korrispondenza għandha tintbagħat mill-ġdid lill-avukat tal-Kunsill sabiex jipprovdi r-risposta meħtieġa f'isem il-Kunsill.

627.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-każ relatat mat-Tribunal għat-Talbiet iż-Żgħar numru 230/2022CL – Elmo Insuranc Ltd *versus* Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar, Aġenzija Infrastruttura Malta, Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u *Rock Cut Ltd.* Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill ġie meħlus minn kull responsabbiltà f'dan il-każ, filwaqt li ġie ordnat li d-danni jitħallsu mill-

Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Din id-deċiżjoni hija suġġetta għal kwalunkwe appell li jista' jiġi ppreżentat skont il-liġi.

## 627.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

627.8.1 Il-Kaptan Patrick Barbara ressaq ilment dwar il-ġbir tal-iskart, fejn irrimarka li kien qed ikun hemm dewmien fil-ġbir. Is-Sindku spjega li nhar is-Sibt li għadda l-ġbir tal-iskart dam aktar mis-soltu minħabba li l-kuntratturi tal-iskart attendew għall-funeral tas-sewwieq ta' trakk tal-iskart, li tilef ħajtu f'inċident sfortunat. Is-Sindku żied jgħid li matul il-ġurnata ta' qabel, il-kuntrattur kellu problema f'wieħed mit-trakkijiet u ma kellux sostitut disponibbli sabiex ikompli bis-servizz u dan wassal għal dewmien fil-ġbir tal-iskart.

627.8.2 Il-Kaptan Patrick Barbara lmenta li l-iskart minn madwar il-*bring in sites* li hemm fi Triq Villabate kien għadu ma nġabarx.

627.8.3 Is-Sur Joseph Agius irrefera għall-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand FITA dwar il-possibbiltà ta' kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali sabiex jiġu organizzati korsijiet ta' taħriġ tal-IT għall-persuni 'l fuq minn 50 sena u persuni b'diżabilità. Is-Sur Joseph Agius ippropona sabiex il-Kunsill jikkollabora ma' FITA għall-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet fil-lokalità. Is-Sindku ssekondata din il-proposta u l-Kunsill qabel unanimament.

627.8.4 Is-Sur Joseph Agius ressaq ilment li kienet sfrundat parti minn Triq il-Kunvent, fil-viċinanzi tal-ħajjat. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien ser jirrapporta dan il-każ lil Infrastruttura Malta sabiex tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

627.8.5 Is-Sur Joseph Agius qal li kien ilu jilmenta dwar il-ħtieġa li jissewwa l-*bus shelter* li hemm fl-ex venda fi Triq is-Santwarju, peress li għandu l-*perspex* imkisser.

627.8.6 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-Kunsill kienx ser jikkunsidra l-possibbiltà li jitpoġġew kotba f'postijiet pubbliċi fil-lokalità, sabiex dawn ikunu jistgħu jinqraw jew jisselfu mill-pubbliku. Is-Sindku qal illi din l-inizzjattiva kienet ser tiġi mplimentata aktar 'il quddiem.

## 627.9 Mozzjonijiet

627.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

## 627.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

627.10.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 4 ta' Ġunju, 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija.

627.10.2 Il-laqgħa spiċċat fis-6.55 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA
Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-629 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 9 ta' Ġunju, 2026.

IFFIRMATA
Jorge Grech
Sindku